# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Christopher Abela**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Christopher Abela** ID186269M li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fid-9 ta' Lulju 2013 għall-ħabta ta 01:15hrs :

(a) bhala sid il-hanut bl-isem ta Taboo Wine Bar li jinsab fi Triq Bormla, Paola ghamilt b'diversi atti mghamulin minnek ukoll fi zminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-ligi u jkun gew mghamula b'rizoulzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Art 18 tal-Kap 9.

(b) tajt fastidju lil Conrad Borg, u b'mod li tkun taf jew kien imissek kont taf li dan kien ta' fastidju għal Conrad Borg u dan bi ksur tal-Art 251A tal-Kap 9.

(c) Kif ukoll bhala sid tal-hanut bl-isem Taboo Bar zammejt l-imsemmi hanut aktar mill hin stipulat u dan bi ksur ta LS 441.07 It-Tielet skeda (reg 36) Taqsima II (03)"

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ippreżentat provi li huma konfliġġenti. Fil-waqt li l-parte civile Conrad Galea ikkonferma l-kwereli kollha magħmula minnu b'mod ġenerali, inkluż din f'dan il-każ, il-provi ppreżentati mill-Pulizija juru li kien hemm kwerela magħmula fid-9 ta' Ġunju 2013. Dan jirriżulta mhux biss mill-affidavit ta' PS167 J. Grech iżda wkoll mill-PIRS II ippreżentat fl-atti. Din il-Qorti tqis li anke jekk dan setgħa kien *lapsus computeri* ma hux safe and satisfactory li persuna imputata tiġi misjuba ħatja fuq din il-kwalita ta' evidenza.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

***Mogħtija fl-4 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***